# Fir-Rebbiegħa

*In cruce salus.*

I

Kemm xtaqt mal-ftuħ tal-ward tiġġedded fija
L-hena tal-ħajja f'din il-ħajja għajjiena
U, bħal tarbija
Fis-snin bikrija,
Mal-ħlewwa ta' Mejju,
Bil-fwieħa tas-sagħtar u l-plejju
Qalbi mimlija,
Rasi nserraħ ġo benniena,
Ninsa d-diqa, ninsa l-ħjiena,
Li għad iġġibli s-snin ħosbiena.

II

Waħda, waħda, minn fuq dahri
Qed inħoss l-imwieġ fawwari,
Qed inħoss il-ħalel tielgħa
Ta' din ħajti mingħajr sabar
Li biss serħ issib fil-qabar,
Għax ix-xemx ċaħditli ġmielha.
Xemx ħanina, xemx ta' tama,
Tħallinix nintilef fl-għama
Ta' qerq fieragħ, kollu dnewwa:
Dlonk urini t-triq tas-sewwa,
Int, li ssebbaħ il-ħolqien!
Kieku taf, ja xemx ħanina,
Ferħ tas-sema, ġmiel u żina,
Dawl ta' faraġ fl-ikrah żmien,
Kemm fittixtek fil-għaxija
Meta sħab u dlam waħxija
B'mixja siekta, imġarrba u twila
F'ġismi u f'ruħi mewtu l-ħila
Sabiex negħleb lill-ħajnin!
Iżda mkien ma sibtek jiena,
Xemx ta' benna sliem, u hena.

## III

Jien iltqajt ma' bniedem fqajjar,
Nofsu mlibbes, kollu dmija,
Waħdu, imsammar fuq salib.
Minn għajnejh bdiet ħierġa dija,
Li saħħritni u nisslet fija
Għaxqa u xenqa li tittajjar
Mill-fomm sieket ta' ħabib.
"X'għamilt f'ħajtek, bniedem fqajjar?"
Lill-imsallab dlonk staqsejt.
Dan weġibni bi tbissima:
"Ħtija waħda: jien ħabbejt:
Jien ħabbejt lil min kien ħati
U għalih biss qiegħed inbati."
U fil-waqt li qalbu wrieni—
Minnha ħiereġ ilma u dmija—
"Ixrob" qalli "dit-tisqija,
Li tnessik il-hemm ewlieni
U l-ferħ troddlok tat-tfulija."
Jiena xrobt: ħassejtni hieni
Bħall-agħsafar fir-Rebbiegħa
Meta x-xemx filgħodu kmieni
Traxxax fuqhom deh'b u dija.—
Ftaħt għajnejja u sebħ bajdani
Xegħelli ruħi b'ferħ kaħlani.

V. D. CIAPPARA.
(Student tat-Teoloġija)